MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 728/2004

**V. Demajo & Bros.**

**Vs**

**Raymond Scicluna**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' April, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erba' mija u erbgha u tmenin lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm484.24) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' ghodda lilu mibjugha u ikkonsenjata u liema ammont jinkludi l-imghax kummercjali ikkalkolat sat-2 ta' Frar 2004.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra interpellatorja tal-11 ta' Frar 2004 u bl-imghax kummercjali ulterjuri mit-2 ta' Frar 2004, kontra l-konvenut, ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erba' mija u erbgha u tmenin lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm484.24), bl-imghaxijiet legali mit-2 ta' Frar 2004.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------